MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 304/2009

A B
**vs**

**1. C B M mart l-istess A B**
**2.**
**3. Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur legali Victor Bugeja li b'digriet tal-14 ta' Marzu 2011 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri G B M**

**4. Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attur li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi r-rikorrent u l-intimat zzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju 2003 (Dok. LA1).

Illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2009, twieled Isaac Ivan Abela Mallia lill-intimata (Dok. LA2).

Illi r-rikorrent gie indikat bhala missier it-tarbija izda din l-allegazzjoni hija totalment erronea stante li mhux il-wild tieghu.

Ghaldaqstant r-rikorrent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. tiddikjara li l-istess minuri mhux il-wild tieghu
2. tordna t-thassir ta' ismu u kunjomu mill-kolonna 'isem u kunjom missier it-tarbija' mic-certifikat tat-twelid numru wiehed, disgha, tlieta, wiehed tas-sena elfejn u disgha (1931/2009) u jigi sostitwit b'"missier mhux maghruf"
3. tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawn il-korrezzjonijiet fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri.

Bl-ispejjes kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Dikjarazzjoni tal-attur

1. Illi huwa u l-intimata izzewgu fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju 2003 (Dok. LA1).

2. It-tifel li twieled fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Mejju 2009 mhux wild tieghu. Dan huwa facilment verfikabbli.

3. Qed issir din il-kawza biex isem/kunjom jitnehhew mill-att tat-twelid tat-tifel.

4. Di fatti ma ghamel l-ebda dikjarazzjoni fuq l-istess att tat-twelid.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta’ Charmaine Abela Mallia li *in forza* taghha hija eccepiet :

i. Illi hija tiddikjara li binha Isaac Ivan Abela mhux l-wild naturali ta’ zewgha Louis Abela;

ii. Illi hija ma toggezzjonax ghat-thassir ta’ isem u kunjom l-istess minuri mill-kolonna ”isem u kunjom missier it-tarbija” mic-certifikat tat-twelid numru 1931/2009 u jigi sostitwit b’missier mhux maghruf;

iii. Illi ghalhekk hija taqbel li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawn il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid ta’ binha minuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawza ta’ denegata paternita` r-rikorrenti jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi komminati fl-Artikolu 70(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu attiz in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Isaac Ivan Abela Mallia li din l-Onorabbli Qorti tuza` s-setgha taghha moghtija lilha bl-Artikolu 70(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, billi tistieden lill-partijiet involuti f’dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet u l-analizi mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x’taqsam mal-kaz;

4. Illi subordinatament f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem Louis Abela, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 1931/2009;

5. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur li jikkontendi li ghalkemm il-minuri Isaac Ivan Abela Mallia twieled fiz-zwieg ta' bejnu u bejn l-intimata Charmaine Abela u ghalhekk, gie mnizzel fic-certifikat tat-twelid tieghu li huwa l-wild naturali tieghu, fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali ta' terz mhux maghruf u ghalhekk l-attur qieghed jitlob lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibqax juri li huwa l-missier naturali tal-istess wild.

**Il-Mertu tal-Kaz**

L-attur jghid li hu u l-intimata Charmaine Abela Mallia izzewgu nhar il-25 ta' Lulju 2003[1]. Il-minuri Isaac Ivan Abela Mallia twieled nhar it-28 ta' Mejju 2009[2] izda l-attur jikkontendi li minkejja li c-certifikat tat-twelid jghid li huwa l-missier naturali, dan fil-fatt mhux il-kaz peress li l-minuri huwa ta' karnagjon sewda. Min-naha taghha, l-intimata Charmaine Abela Mallia tammetti li l-minuri m'huwiex il-wild naturali tal-attur u taqbel li jsiru l-korrezzjonijiet necessarji sabiex fic-certifikat tat-twelid tal-minuri jitnizzel bhala iben 'missier mhux maghruf'.

Fil-mori tal-kawza gie prezentat u mahluf rapport tad-*DNA* li permezz tieghu gie stabbilit li m'hemm ebda possibilita' li l-minuri Isaac Ivan Abela Mallia huwa l-wild naturali tal-attur.

**<u>Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tirrileva li dwar il-paternita' tal-minuri, hemm prova sufficjenti *ai termini* tal-Artikolu 70(1)(d) tal-Kap 16 li l-istess minuri m'huwiex il-wild naturali tal-attur Louis Abela, u dan kif jirrizulta ahjar mid-DNA *test*[3]ipprezentat in atti.

Illi in vista tax-xhieda prodotta, in vista tar-risposta guramentata mill-intimata stess u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jigi applikat l-Artikolu 70(1)(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-minuri Isaac Ivan Abela Mallia m'huwiex il-wild naturali ta' Louis Abela;

---

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 4 tal-process
[2] Ara c-certifikati tat-twelid esebiti a fol 5 u 6 tal-process
[3] Ara a fol 41 tal-process

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Isaac Ivan Abela Mallita mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem ‘Louis Abela’ [Attard, Malta] u minflok jinserixxi l-kliem ‘missier mhux maghruf’.
(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inehhi l-kliem “the said” li jinsabu qabel isem Louis Abela, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 1931/2009;

Bl-ispejjez kontra l-intimata CBM.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------